# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2112

Kaz Nru 2758/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Raymond Mangion

u

CHI Limited

dwar tkeċċija mill-impieg

allegata li hi nġusta

Data: 9 ta' Novembru 2011

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie ntavolat permezz ta' Rikors magħmul mill-Avukat Andrew Borg Cardona f'isem Raymond Mangion fejn ġie allegat li dan kien ġie illegalment liċenzjat minn mas-Soċjetà CHI Ltd. L-istess Soċjetà li kienet rappreżentata minn Paul Bugeja, assistit mill-Avukat Karl Briffa, ċaħdet dan. Inżammu 11 il-seduta.

A tenur tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad li minħabba in-numru ta' seduti u xhieda, inkluza waħda permezz ta' *video link* ma' Spanja, ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fit-tali Kap.

## 2. Fatti tal-Każ

Ir-Rikorrent jgħid li ta servizz dedikat u diligenti matul is-snin li ħadem mas-Soċjetà Intimata, qatt ma ingħata *warning* u innota li kienet iddaħlet persuna oħra biex tagħmel xogħolu. Huwa ġie mgħajjat minn superjur tiegħu li kellu struzzjonijiet biex jitterminalu l-impieg minħabba allegat ksur tal-kuntratt tax-xogħol. Dana minħabba interess dirett li kellu f'kumpanijja privata li fil-fatt dak iż-żmien kienet qed tiġi *wound up.* Is-Soċjetà Intimata tgħid li l-liċenzjament tar-Rikorrent sar għal raġuni tajba u suffiċjenti skond il-liġi.

## 3. Kunsiderazzjonijiet

Il-pern tal-każ huwa dwar klawżola fil-kuntratt tax-xogħol bejn ir-Rikorrent u s-Soċjetà Intimata magħmul fit-3 ta' Mejju 1995 li testwalment tgħid "*During the continuance of this Agreement, the Executive will not, without the written consent of the Company, carry on, or be engaged or interested in, any other business, trade or calling whatsoever*". (Klawsola 4 tal-Kuntratt tax-xogħol esibit minn Alfred Fabri u numerat AF2 fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2010). Ma hemmx nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet li din il-klawsola kienet hemm. Li hu kontestat mir-Rikorrent huwa l-fatt li għad li huwa fil-fatt kien *shareholder* u direttur flimkien ma' *partner* ieħor f'kumpanija ta' svilupp dan kien magħruf sewwa fis-Soċjetà Intimata kemm ma' Diretturi kif ukoll ma' impjegati u qatt ma nġibditlu attenzjoni jew saret xi kritika mis-superjuri tiegħu. Oltre dan mill-2002 l-kumpanija privata tiegħu ma baqgħetx tisviluppa propjetajiet u kien deċiż li teħles minn xi propjetajiet li kien għad fadlilha u xxolji. Fil-fatt il-proċess twil ta' xoljiment intemm propju l-għada li ġie liċenzjat ir-Rikorrent (Seduta tat-2 ta' Frar 2011 fol. 13).

Mill-banda l-oħra s-Soċjetà Intimata tiċħad li b'xi mod kienet infurmata u li xi Diretturi tagħha kienu kellhom konoxxenza ta' dan. Tgħid ukoll illi l-ħsieb wara din il-klawsola huwa biex l-impjegat jiddedika ix-xogħol u l-isforzi kollha tiegħu esklussivament għall-post li jokkupa magħha. Turi wkoll tħassib dwar li dana sata' forsi jirriżulta f'konflitt ta' nteress mhux għax ir-Rikorrent kien qed jibni jew jiżviluppa lukandi iżda għaliex iġġibu f'relazzjoni ma' bennejja, kuntratturi u *service providers* oħra li fil-kors tal-impieg tiegħu kien jiltaqgħa magħhom. Is-Soċjetà Intimata ħassitha wkoll urtata minħabba l-fatt li meta beda jberraq u kellu laqgħa mas-superjur tiegħu Potter u dana staqsih hemmx xi involviment tiegħu ma' xi organizzazzjoni oħra r-Rikorrent assigurah li ma kienx hemm u dana fil-fatt ma kienx jgħid il-verità. Is-Soċjetà Intimata tgħid b'hekk kien qed imur kontra dik il-fiduċja reċiproka li teżisti bejn min iħaddem u l-impjegat (Seduta 20 ta' Ottubru 2010 fol.14 et seq.).

Il-fatti juru biċ-ċar li r-Rikorrent qatt ma talab u wisq inqas ingħata xi permess bil-miktub biex ikun direttur u jmexxi kumpanija privata waqt l-impieg tiegħu mas-Soċjetà Intimata. Jekk ir-Rikorrent straħ fuq il-fatt li kullħadd, inkluż Diretturi, kien konxju mill-attività extra-kurrikulari tiegħu għaliex ma talabx formalment permess biex hekk jirregolarizza is-sitwazzjoni tiegħu? Kieku rriżulta li talab permess u dana ma ngħatalux l-argument li kien qed jillikwida l-kumpanija kien forsi jkollu piż. Iżda huwa naqas li jinforma lis-Soċjetà Intimata u jitlob permess bil-miktub skond il-kuntratt tax-xogħol tiegħu. Anzi baqa' jinnega anke meta kellu dak l-abbokkament ma' Tony Potter. Kieku għal grazzja tal-argument, għax dan ma ġiex ippruvat, id-diriġenti tas-Soċjetà Intimata kienu konxji minn l-attività tiegħu fil-kumpanija privata u ma għamlu xejn dana ma eżonerahx mill-obbligu li mpenja ruhu li jonora meta ffirma l-kuntratt tax-xogħol. L-argument tar-Rikorrent illi huwa kien fil-fażi li jxolji l-kumpanija li kellu għal tant snin ma tantx irieġi peress illi l-infrazzjoni kienet ta' natura kontinwa u għaldaqstant ma tistax tiġi kunsidrata biss meta fl-aħħar fażi tagħha kienet qed tiġi likwidata.

It-Tribunal imbagħad daħal fil-kwistjoni jekk sarx *due process* fil-liċenzjament tar-Rikorrent. L-ewwel nett ma kienx hemm nuqqas ta' qbil fuq l-infrazzjoni tal-kuntratt tax-xogħol. Ir-Rikorrent ammetta in-nuqqas tiegħu wara li ġie investigat u ippruvat mis-Soċjetà Intimata l-involviment tiegħu fil-kumpanija privata. Ingħata kull opportunità mis-superjur tiegħu Potter fil-konversazzjonijiet li kellu miegħu u għaldaqstant kellu kull opportunità li jiddefendi l-każ. In vista ta' dak li irriżulta mir-riċerki li għamlet is-Soċjetà Intimata li l-infrazzjoni kienet saret. Ma rriżultax li r-Rikorrent kien b'xi mod imċaħħad milli jippreżenta l-każ tiegħu.

It-Tribunal imbagħad għadda għat-test tas-suffiċjenza, voldieri jekk l-infrazzjoni kienet tali li timmerita s-sanzjoni estrema tat-tkeċċija. Jidher biċ-ċar illi d-divjet ta' attività estranea ta' impjegat kien tali li jiġi partikolarment imniżżel fil-kuntratt tax-xogħol. Hemm ukoll speċifikat illi jekk jingħata xi permess għal attività estranea dan irid jingħata bil-miktub biex presumibilment jiġu evitati ekwivoċi. Skond dan it-Tribunal l-infrazzjoni damet għal snin sħaħ bi ksur kontinwu ta' l-artikolu tal-kuntratt ċitat iktar 'l fuq. Din il-kundizzjoni ta' divjet hija waħda formali u solenni tant li kienet imniżżla fil-kuntratt tax-xogħol. Dana kollu jenfasiżża l-punt li din il-kundizzjoni fil-kuntratt hija waħda fondamentali. Għaldaqstant fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal infrazzjoni tagħha hija waħda serja biżżejjed biex timmerita s-sanzjoni estrema ta' liċenzjament.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-liċenzjament tar-Rikorrent Raymond Mangion minn mas-Soċjetà Intimata CHI Limited kienet għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

B'hekk jintemm dan il-każ.

**5. Drittijiet**

It-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

Ghas-SEGRETARJU